TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 85/14/GB

**Carmel Bugeja**

**vs**

**Antoine Zahra f'ismu personali u f'isem l-Agenzija Take Off Travel Agency**

Illum 15 ta' April 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-28 ta' April, 2014 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' sebgha mija sitta u tmenin Ewro u dsatax-il centezmu (€786.19), rapprezentanti l-prezz ta' titjira u akkomodazzjoni u l-ispejjez li ntefqu ghal titjira gdida u akkomodazzjoni, wara li r-rikorrent tilef it-titjira originali minhabba nuqqasijiet da parti ta' l-intimat pro et nomine.

L-intimat pro et nomine pprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent, li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata ta' l-intimat pro et nomine, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Fil-31 ta' Mejju 2013, huwa u huh kien hallas depozitu fl-ammont ta' tliet mija tnejn u disghin Ewro (€392.00) lill-intimat pro et nomine ghall-vjagg lejn Barcelona, u cioe' hallsu nofs il-prezz totali ghal titjira kull wiehed.. Dan il-prezz kien jinkludi l-biljetti ta' l-ajru u l-akkomodazzjoni.

Huma waslu l-ajruport fid-9 ta' Novembru 2013 fin-12:30, fejn sabu li c-'check-in desk' kienet vojta u maghluqa. Huma sussegwentement saru jafu li l-ajruplan kien ser jitlaq iktar kmieni milli suppost, u li kellhom jitkellmu ma' l-'Alitalia'. 'Alitalia' informathom illi kienu baghtu e-

mail lill-agenzija ntimata, pero' r-rikorrenti qatt ma kienu gew informati mill-intimat pro et nomine illi kien hemm xi tibdil fil-hinijiet tat-titjira.

Ir-rikorrent huwa lest illi jcedi l-ammont ta' mitejn sebgha u sittin Ewro (€267.00), jekk l-intimat pro et nomine jaccetta li jirrifuzah fl-ammont ta' hames mija u dsatax-il Ewro u dsatax-il centezmu (€519.19) rapprezentanti l-ispejjez li kellu jinkorri ghal titjira gdida u akkomodazzjoni.

Ir-rikorrent ezebixxa dokumentazzjoni relattiv.

**L-intimat pro et nomine ssottometta bil-miktub illi:-**

It-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

1. Fl-ewwel lok, l-eccipjenti ma hijiex il-legittimu kuntradittur; ghalhekk qatt ma tista' tigi kkundannata thallas l-ammont mitlub u dan stante 'il fatt illi ma hijiex 'kummercjant' kif irid l-artikolu 20 tal-Kapitolu 378 u kif definit fl-artikolu 2 tal-istess, izda biss sempliciment impjegata kontra liema talba bhal din qatt ma tista' ssir;

2. Fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost huwa r-rikorrenti u mhux l-intimata, illi unikament jahti ghall-fatt illi huwa tilef it-titjira in kwistjoni, u dan minhabba illi huwa kien negligenti fl-agir tieghu, filwaqt ukoll illi naqas mili jsegwi l-istruzzjonijiet moghtija b'mod car mill-intimata; dan kollu kif se jigi muri waqt is-smiegh tat-talba odjerna;

3. Fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk it-Tribunal sejjer iqis illi r-rikorrenti ma kienx negligenti kif tghid l-intimata, semmai tkun is-socjeta' Alitalia – Compagnia Area Italiana S.P.A. (OC484) illi tahti ghall-incident ilmentat mir-rikorrenti;

4. Fir-raba' lok, it-talba tar-rikorrenti hija mill-bqija infondata fil-fatt u fid-dritt, u tikkontjeni diversi premessi inveritieri; dan kif se jigu muri waqt is-smiegh tat-talba odjerna.

**Is-socjeta' kjamata fil-kawza, 'Alitalia Compagnia Aeria Italiana S.P.A', issottomettiet bil-miktub illi:-**

1. Hadd mill-partijiet f'dina l-kawza adoperaw il-procedura kkontemplata fl-artikolu 79 tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-esponenti u ghalhekk il-kawza ma tistax titkompla fil-konfront taghha;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta' esponenti segwiet il-procedura applikabbli f'kazijiet bhala dawn odjerni u l-allegat dannu li sofra r-rikorrenti ma sehhx b'xi nuqqas taghha;

3. Illi l-agenzija intimata kienet infurmata bi bdil fil-hin tat-titjira mis-socjeta' esponenti u kienet l-istess intimata li la ma nfurmatx il-klijenta taghha – dan jirrizulta b'mod car mir-rikors promotur tar-rikorrenti;

Salv difizi ulterjuri hekk kif permessibbli mill-Ligi.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa zewg ricevuti, li gew immarkati bhala Dok.JB1 u Dok.JB2; flimkien ma' sett dokumenti, li gew immarkati bhala Dok.JB3.

Xehdet Denise Grech, bil-Malti u bil-gurament, prodotta mir-rikorrent.

Xehed Joseph Bugeja, bl-Ingliz u bil-gurament, prodott mir-rikorrent.

It-Tribunal jikkonsidra illi Louise Vella in rapprezentanza ta' l-intimat pro et nomine, fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni ta' l-intimat pro et nomine bil-miktub.

L-intimat pro et nomine ezebixxa kopja ta' email, li giet immarkata bhala Dok.LV1; flimkien ma' sett ta' emails, li gew immarkati bhala Dok.XYZ.

Xehdet Anna Theresa Falzon, bil-Malti u bil-gurament, prodotta mill-intimat pro et nomine.

Xehed Fabian Mizzi, bil-Malti u bil-gurament, prodott mill-intimat pro et nomine.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' kjamata fil-kawza, fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' kjamata fil-kawza ezebiet kopja tal-PNR history, li giet immarkata bhala Dok.EM1.

It-Tribunal jinnota illi r-rikorrent talab korezzjoni fl-ammont mitlub minnu, fejn l-ammont ta' sebgha mija sitta u tmenin Ewro u dsatax-il centezmu (€786.19) qed jigi ridott ghal hames mija u dsatax-il Ewro u dsatax-il centezmu (€519.19). It-Tribunal laqa' t-talba ghal korrezzjoni u l-intimat pro et nomine ta ruhu b'notifikat ghal tali korrezzjoni.

It-Tribunal jinnota illi r-rikorrent talab korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fejn l-intimata ndikata bhala 'Louise Vella' ghandha tigi sostitwita bl-isem ta' 'Antoine Zahra f'ismu personali u f'isem l-Agenzija Take Off Travel'. It-Tribunal cahad l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat pro et nomine u laqa' t-talba tar-rikorrent, fejn l-intimat pro et nomine ta ruhu b'notifikat ghal tali korrezzjoni.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jikkonkludi illi l-intimat pro et nomine naqas b'mod serju fis-servizzi tieghu lejn ir-rikorrent konsumatur, billi nonostante l-fatt illi huwa kien gie aggornat rigwardanti t-tibdil fil-hin tat-titjira in kwistjoni (u dana ghal iktar minn darba wahda) mis-socjeta' kjamata fil-kawza, huwa naqas milli jinforma lir-rikorrent bl-istess. Dan jirrizulta ampjament car mix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta' kjamata fil-kawza fejn huwa stqarr: *"Fil-5 ta' Awissu 2013 Alitalia harget schedule gdida li ntbaghtet lill-Agenzija dakinhar stess fl-10.16 am li il-hin inbidel minn 14.40 ghal 13.40. Nikkonferma li Take Off Travel ircevewha. Fis-17 ta' Ottubru 2013 schedule kienet regghet inbiddlet u innotifikajna lill-Agenzija fit-8.12am. Fis-7 ta' Novembru 2013 baghtna reminder lill-Agenzija f'12.00 fejn staqsejnihom x'kienet ir-raguni li dawn ic-changes ma trangawx mill-Agenzija."* , u wkoll mix-xhieda, xejn kredibbli, ta' Louise Vella fejn l-ewwel hija nnegat illi kienet qatt giet informata bit-tibdiliet mis-socjeta' kjamata fil-kawza, pero' sussegwentement, u fuq domandi tat-Tribunal stess, hija ammettiet illi *"L-ahhar queue ma rajthiex ghax ma dhaltx fis-sistema"*. Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' kjamata fil-kawza u jichad it-talba tar-rikorrent in kwantu dawn huma diretti lejn l-istess socjeta' kjamata fil-kawza; fl-istess hin, u fir-rigward tat-talba in kwantu diretta lejn l-intimat pro et nomine, it-Tribunal qed jilqa' t-talba fil-konfront tieghu u jordna lill-intimat pro et nomine jhallas l-ammont ta' hames mija u dsatax-il Ewro u dsatax-il centezmu (€519.19) lir-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-intimat pro et nomine.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**